DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Jannar 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2004/416/KE dwar il-miżuri temporanji tal-emerġenza fir-rigward ta' ċertu frott taċ-ċitru li joriġina mill-Brażil

(notifikata bid-dokument numru C(2013) 339)

(2013/67/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/416/KE [2] tistabbilixxi miżuri temporanji ta' emerġenza li għandhom l-għan li jsaħħu l-prevenzjoni tad-dħul ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara, u b'mod partikulari ta' *Guignardia citricarpa* Kiely u *Xanthomonas campestris* fir-rigward ta' frott ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom li joriġinaw fil-Brażil.

(2) Jidher mill-informazzjoni disponibbli li mhumiex meħtieġa miżuri temporanji ta' emerġenza rigward *Xanthomonas campestris*.

(3) Fid-dawl tal-iżviluppi matul l-aħħar snin, għandu jkun provdut li d-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri li fadal jibqgħu japplikaw.

(4) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2004/416/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/416/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) It-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/416/KE tad-29 ta' April 2004 dwar miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' ċertu frott taċ-ċitru li joriġina mill-Brażil".

(2) L-Artikoli 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

B'deroga mill-punt 16.4 tas-Sezzjoni I ta' Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE, frott ta' *Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf., u l-ibridi tagħhom (minn hawn 'il quddiem msemmija bħala frott taċ-ċitru), li joriġinaw mil-Brażil jistgħu jiġu biss introdotti fl-Unjoni jekk dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 94/3/KE (*), kull Stat Membru li jimporta l-frott taċ-ċitru li joriġina mill-Brażil għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena, rapport tekniku dettaljat dwar ir-riżultati ta' kontrolli fuq is-saħħa tal-pjanti mwettqa fuq dak il-frott skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2000/29/KE bejn l-1 ta' Mejju u t-30 ta' Novembru tal-istess sena.

Artikolu 3

Bejn l-1 ta' Mejju u t-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha ssegwi l-ħin kollu l-iżvilupp tas-sitwazzjoni. Jekk isir ċar li dawk il-miżuri ta' emerġenza mhumiex biżżejjed biex jipprevjenu d-dħul ta' *Guignardia citricarpa* Kiely (il-varjetajiet kollha patoġeniċi għas-Citrus) jew ma jkunux ġew imħarsa, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri iktar stretti jew alternattivi, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2000/29/KE.

(*) ĠU L 32, 5.2.1994, p. 37."

(3) Fl-Artikolu 5, il-kliem 'mhux aktar tard mill-2008' jinbidel bil-kliem 'ta' kull sena'.

(4) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) Il-kliem tad-dħul huma mibdula b'dan li ġej:

'Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-frott fil-punti 16.1, 16.2, 16.3 u 16.5 tas-Sezzjoni I ta' Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE, ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw:'

(b) Il-Punt 1 jitħassar.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ĠU L 151, 30.4.2004, p. 76.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni